**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IT- TNEJN 20 TA' MEJJU, 2002

**Avviz Nru: 794/01 AJD**

**Fenici Insurance Agency Limited u Ruben Mallia**

**vs**

**United Automobiles Limited u Joseph Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Awissu, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm421.70) rapprezentanti danni sofferti bhala konsegwenza ta' l-incident awyomobilistiku li sehh nhar is-16 ta' Ottubru, 1999, ghall-habta tat-8:30 p.m., gewwa Triq il-Labour, Zejtun, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Joseph Aquilina, bin-numru ta' registrazzjoni AAJ 169, u l-vettura misjuqa mill-attur Ruben Mallia, bin-numru ta' registrazzjoni TFD 618, dovuta mill-konvenuti jew min minnhom u dan in kwantu ghas-somma ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm296.70), lis-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency Limited, rapprezentanti bilanc fuq hlasijiet effetwati mill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mat-telf ta' uzu tal-vettura tal-assikurat taghhom, l-attur Ruben Mallia, bhala rizultat tal-imsemmi incident; u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125.00) lill-attur Ruben Mallia, ammont rapprezentanti 'excess payment' minnu mhallas lis-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency

Limited, bhala konsegwenza tal-istess incident imsemmi.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2001, u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment lis-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited, u interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2001, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Aquilina fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency gja thallaset l-ammonti kollha dovuti lilha, dan kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-ammont mitlub mill-attur Reuben Mallia rapprezentanti l-'excess payment' minnu mhallsa lis-socjeta' Fenici Insurance Agency ghandu jigi rifuz mill-istess Fenici Insurance Agency Limited stante illi din thallset a saldu.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta United Automobiles Limited fejn din eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta ma hijiex il-legittima kontradittur f'din il-kawza ghaliex mill-kliem, fl-avviz illi gie pprezentat mis-socjeta' attrici noe, m'hemm ebda sinjal car ta' responsabilita' da parti tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt hemm riferenza ghall-incident stradali li sehh nhar is-16 ta' Ottubru, 1999, f'Labour Road, Zejtun, f'liema incident is-socjeta' konvenuta ma kienitx involuta.

2. Illi s-socjeta' konvenuta giet involuta xi zmien wara d-data tas-16 ta' Ottubru, 1999, meta l-attur Reuben Mallia xtara 'spare part' ('body panel') minghandha ghall-vettura tieghu li kienet garrbet hsara minhabba l-imsemmi incident. Illi wara li l-'body panel' gie mibjugh lill-attur, it-tellar tieghu qasam il-'body panel' kif ra hu xieraq u ghalhekk dan ma setghax jintuza ghall-vettura in kwistjoni u konsegwentement kien hemm it-telf ta' uzu tal-vettura.

3. Ghalhekk il-hsarat saru minhabba t-traskuragni tat-tellar u ma hemm ebda raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli. L-unika responsabilita' tas-socjeta' konvenuta tinsab taht garanzija.Imma anke f'dan il-kaz ma kienx hemm skop ghal talba taht garanzija ghaliex din ma tkopprix danni ikkagunati minn terzi.

4. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur nomine ghandhom jigu michuda.

5. Salvi ececzzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' John Busuttil, ta' Reuben Mallia, Paul Abela, Mario Grech u Joseph Scicluna.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-attur Reuben Mallia, propjetarju tal-vettura tal-marka Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni TFD 628 kien involut f'incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Ottubru, 1999, mal-konvenut Joseph Aquilina. L-attur kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici filwaqt li l-konvenut kien assikurat ma' Fogg Insurance Agency Limited. Il-konvenut accetta r-responsabilita' ghall-incident u l-assikurazzjoni tieghu ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi odjerni hlief ghall-ammont ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm421.70). Dan l-ammont kien jirrigwarda l-'loss of use' u cioe' l-prezz ghall-kiri ta' karozza li l-attur Reuben Mallia kellu jikri sakemm isiru t-tiswijiet. Jidher li t-tiswijiet ma setghux jigu kompletati entro t-terminu ndikat fis-'survey report' (a fol. 28) u cioe' dak ta' tnax il-gurnata minhabba l-fatt li nqalghu problemi dwar 'spare part' in partikolari li kellha tigi sostitwita fil-vettura tal-attur u cioe' 'rear mudguard' tal-imsemmija vettura liema 'part' kellha tigi supplita mis-socjeta' konvenuta United Automobiles Limited li hija l-agent lokali tal-vetturi tal-marka Opel. Din il-kwistjoni tifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

2. Illi l-vettura tal-attur kienet qed tissewwa ghand it-tellar Paul Abela. Dan ordna l-'parts' li kellhom jigu sostitwiti minghand Rays Auto Parts u xehed li meta gie biex jissostitwixxi r-'rear mudguard' liema 'part' gie maqsum f'bicciet, huwa ma setghex jghaqqad il-bicciet flimkien ghaliex kien jibqa' spazju bejn il-bicciet. It-tellar qal ukoll li rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta marru sabiex jaghmlu l-verifiki u madwar xahar wara huwa rcieva 'panel' gdid, ukoll maqsum f'bicciet izda din it-tieni darba kien possibbli li dawn jinghaqdu flimkien. In kontro-ezami, it-tellar jghid li t-tieni darba huwa kellu jaqta' bicca zghira mill-bicciet individwali tal-'panel' sabiex ikun jista' jghaqqadhom flimkien. Huwa qal ukoll li l-ewwel darba ma setghax jaqta' bicca ghaliex il-'parts' kienu skarsi. Jidher li din il-'part' tkun shiha meta l-vettura tohrog gdida mill-fabbrika.

3. Illi Mario Grech, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, jghid li huwa kien ra l-ewwel set ta' 'parts' fil-garaxx tal-attur u effettivament ikkonstata li l-bicciet ma setghux jinghaqdu flimkien izda dan ix-xhud zied jghid ukoll li l-'panel' ma kienx fl-istat originali li gie minn barra fis-sens li hu ikkonstata li xi hadd qatta' bicca mill-'part'. Jidher illi l-'part' in kwistjoni tigi manifatturata

f'bicciet u mhux tigi manifatturata f'bicca wahda u mbagahd tinqata'. Dan ix-xhud spjega wkoll ir-raguni ghaliex din il-'part' tohrog shiha mal-vettura izda tigi prodotta f'bicciet bhala 'spare part'. Irrizulta li meta vettura tigi disinjata, ikun hemm konsultazzjoni mal-assikurazzjonijiet barra minn Malta dwar kif ghandhom jigu prodotti l-'ispare parts' rigwardanti l-mudell in kwistjoni. Fil-kaz tal-mudell li jifforma l-mertu tal-kawza, jidher li kien hemm qbil li r-'rear panel' jigi prodott f'zewg bicciet bhala 'spare part'. Mario Grech isostni li ghal din ir-raguni m'huwiex possibbli li 'parts' ivarjaw fil-qisien stante li l-linja ta' produzzjoni hija uniformi. Joseph Scicluna li huwa s-service manager' tas-socjeta' konvenuta, ukoll jikkonferma li huwa ra l-'part' in kwistjoni u li mill-ewwel induna li din il-'part' kienet inqatghet bicca minnha permezz ta' sega. F'dan ir-rigward, is-socjeta' konvenuta esibiet bicca minn 'part' simili (a fol. 54) fejn hemm naha wahda maqtugha u n-naha l-ohra kif din inharget originarjament mill-fabbrika. Dan ix-xhud jghid li din it-tip ta' 'part' giet mibjugha diversi drabi lil tellara ohra u qatt ma kien hemm problemi proprju ghaliex din il-'part' tohrog mill-fabbrika sabiex tiffitja ezatt.

4. Illi sabiex is-socjeta' konvenuta tigi ritenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, l-attur kellu jipprova li d-dewmien sabiex tissewwa l-vettura tieghu kien dovut ghall-fatt li r-'rear panel' li gie provdut l-ewwel darba mis-socjeta' konvenuta kien difettuz. It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontradittorji fis-sens li kif spjegat aktar il-fuq, is-socjeta' konvenuta ssotni b'mod kategoriku li l-'part' in kwistjoni inqatghet bicca minnha waqt li t-tellar li ghamel it-tiswijiet jichad ukoll b'mod kategoriku li huwa qata' xi bicca mill-'part' in kwistjoni. It-Tribunal kellu l-opportunita' jisma 'viva voce' kemm lit-tellar kif ukoll lill-impjegati tas-socjeta' konvenuta li raw il-'parts' in kwistjoni. L-assjem tal-provi huwa tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawzibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment ta' dan it-Tribunal favur tezi u mhux l-ohra. It-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz jghid li fuq il-bazi ta' provi prodotti quddiemu, huwa moralment sodisfatt li l-atturi issodisfaw l-oneru tal-prova taghhom li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghad-dewmien fit-tiswija tal-vettura tal-attur u ghad-danni konsegwenzjali. F'dan ir-rigward qed issir riferenza ghal sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Vincent Rausi nomine vs Joseph Muscat' (64/91 JSP) fen il-Qorti qalet hekk *"Issa, fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda il-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq <u>preponderanza</u> ta'probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u*

*konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – "actore non probante, reus absolvitur" "*. Il-Qorti f'dan il-kaz iccitat lil Corkle – Cases and Statutes of Evidence pg. 132: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it … In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a 'traverse' or denial of an allegation made by the plaintiff, <u>that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff</u>"* u *"Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-<u>preponderanza</u> tal-probabilitajiet"* (Eucharistiku Zammit vs Eustarchio Petrocchino – Appell – 25 ta' Frar, 1952).

5. Illi jibqa' issa biex jigi determinat jekk il-konvenut Joseph Aquilina kienx responsabbli ghad-dewmien fit-tiswija fil-vettura tal-attur u ghad-danni konsegwenzjali. Kien il-konvenut Aquilina li kien responsabbli ghall-incident tas-16 ta' Ottubru, 1999, u fil-fatt mill-provi rrizulta li l-assikurazzjoni tieghu ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti fil-vettura tal-attur hlief ghall-ammont ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm421.70) li jifforma l-mertu tal-kawza u dan minhabba l-limitu li kien hemm fil-polza tieghu dwar l-ammont li jithallas bhala 'loss of use'.

6. Illi l-atturi ghamlu riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tad-9 ta' Lulju, 1999, fil-kawza fl-ismijiet 'Andrew u martu Carmen Sullivan vs Charles u martu Maria Victoria Grixti' (Citazzjoni numru 231/97), fejn ic-cirkostanzi kienu simili ghall-kaz odjern. F'din is-sentenza il-Qorti rriteniet li d-danneggjat li jkollu jikri vettura ghal certu tul ta' zmien minhabba l-fatt li jdumu ma jaslu l-'ispare parts' minn barra minn Malta ghandu l-obbligu u d-dover li jinforma lil min ikkawzalu d-danni sabiex ipoggi lil dan tal-ahhar f'posizzjoni li jkun jista' jirrimedja u dan a bazi tal-obbligu tad-danneggjat li jimminimizza d-danni. Fil-kaz odjern ma jidhirx li l-atturi qatt avzaw lill-konvenut b'dan l-aggravament tad-danni li ghalihom qeghdin izommuh responsabbli. Fi-sentenza citata, il-Qorti sostniet hekk *"Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi r-responsabilita' ghal dan l-aggravament tad-danni, li jmur lil hinn minn dawk id-danni direttament konsegwenzjali ghall-incident de quo, ghandha tigi maqsuma fi kwoti ugwali bejn il-partijiet fil-kawza"*. Dan it-Tribunal a bazi ta' dan il-principju jidhirlu li l-atturi u l-konvenut ghandhom jitqiesu responsabbli ghad-danni reklamati f'din il-kawza fi kwoti indaqs, il-konvenut Joseph Aquilina ghaliex kien hu li kien responsabbli ghall-incident u kellu responsabilita' li t-tiswijiet finalment isiru u l-atturi ghaliex huma kellhom l-obbligu li jassikuraw li l-konvenut Aquilina jitqieghed f'posizzjoni li jhallas

dak biss li kien strettament mehtieg u dovut biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta’ konvenuta United Aotomobiles Limited, jilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Aquilina limitatament ghall-ammont ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm210.85) bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-atturi Fenici Insurance Agency Limited u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut Joseph Aquilina.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**